# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. — IT-TLIETA, IT-18 TA NOVEMBRU, 1913. — Nru. 91.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistennew minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. Arciskof u Iskof.

## Cliem tad-deheb.

VIII.

## Hakkna il għacs ?

*(Jissocta)*

Nerksu reska, ŭara iż-żjara fil ħŭienet, lejn il postijet tax-xogħol; u haŭn għandna insibu isaltnu, fil kaŭŭa taħħom, il kerk u is-serk; bħalma għadna chemm ucoll rajnihom geŭŭa il ħŭienet tal bejħ. B'dan ma nifhmux ngħidu għal cullimchien u għal cullħadd; għax jinsabu (għalchemm, forsi, ftit u xejn rari) bejjiegħa u ħaddiema, li għax għandhom il biża t'Alla u il cont ta ruħhom u ta gieħhom, f'bejħ u xogħol, igibu ruħhom chif għandhom igibu, bir-rekka collha tal ħakk ; u daŭn għalavolja biex jakilgħu ŭisk ma jagħmlux sħab mal kerk u is-serk, bħalma jagħmlu il biċċa il cbira, iżda f'ħanuthom, f'xogħolhom, fi djarhom icollhom ir-riżk u il barca t'Alla.

Ix-xogħol li isir, jintgħata bl'imkietgħa jeŭ jitħallas bil ġurnata. Fil ŭieħed u l'ieħor isir il kerk u is-serk: fix-xogħol tal imkietgħa, jintgħamel ircaptu, jeŭ materjal mill'eħżen, ix-xogħol isir bil għaġla u bil ħatfa; collox għalhecc jigi magħmul ħorrox borrox. U dan collu biex il ħaddiem jicmex, chemm jista, il flus minn dac ix-xogħol, bla ma jokgħod jimpurtaħ minn dac li ħaddmu u ħallas flusu. Fix-xogħol li jitħallas bil ġurnata, barra mil kerk fir-rcaptu, fil materjal u fil ħedma, isir ucoll is-serk fiż-żmien; jigifieri, illi il ħaddiem ta bla biża t'Alla, itaŭŭal u igebbed chemm jiflaħ iż-żmien. Nersku lejn daŭc il postijet tax-xogħol, fejn icunu jinsabu jaħdmu bosta ħaddiema. Araŭhom hemm, collha flimchien migbura b'idejhom marbuta ipejjpu, jiddieħcu, jinbxu lil xulxin; f'dan igħaddu is-sieghat u in-nofs ta nhari sħaħ u ix-xogħol ŭiekaf, u iż-żmien għaddej, u ir-ramel tal paga nieżel dejjem, li mischin hu min fosthom, għax tniggżu xi ftit il cuxienza, jokgħod għal fuk ix-xogħol jaħdem, jeŭ ma jersakx lejn sħabu, biex bħalhom jitchellem u jissamma il cliem tal ŭaħx ; għax gŭerra u persecuzjoni l'actar kalila contra tiegħu sħabu ikajjmu, u ma iħalluħx bi qŭietu, sa chemm jirnexxilhom igagħluħ jagħmel bħalhom.

X'in hu da'l *cliem tal ŭaħx ?*— forsi xi uħud jistaksu.

B'dan l'isem jena nsejjaħ lil dac id-dagħa ereticali, dac il ħalf u il cliem ħażin scandalus, id-discorsi tassiegħat u in-nofs ta nhari sħaħ u ir-racconti mokżieża u ta ġrajja u ħrejjef oxxeni; iċ-ċajt u id-daħc fuk il ħŭejjeġ imkaddsa tar-religjon, u il klajja u it-tkassis contra il Ministri taħħa, il malafami u il cxif tal għaŭar contra il proxxmu; il għaŭi u it-tnassis contra cull xorta ta Aŭtorità. Ħŭejjeġ collha huma daŭn, li isiru f'ŭakt ix-xogħol, jeŭ f'ŭakt li ix-xogħol icun ŭiekaf, bla ebda bżonn, u actarx għal tal apposta, biex ix-xogħol jigbed fit-tul.

U bdix-xorta ta xogħol intom tħallsu il ġurnata, li taħħa titħallsu bil flus? Serk, dagħa, marmorazjoni, oxxenità ! Daŭn, immela, huma, o ingrati, daŭn huma il barca, it-tifħir u ir-ringrazzjament li troddu lil ħanin Alla, li jippreferi com fost ħlejjak ta mgħallmin u ħaddiema oħra, li jixxennku u jittalbu għal xejn ix-xogħol, lilcom, iżda, ipprovdielcom x'taħdmu, biex tieclu u biex titimgħu lil familja tagħcom?! B'hecc tŭiegbu mat-tieba u il ħniena t'Alla? ! U mbagħd naraŭha bi cbira għax fil ħŭienet tax-xogħol ma hemmx ħlief mgħallmin u ħaddiema b'idejhom marbuta, battala ! U mbagħd inghemgmu, għax minn certi postijet tax-xogħol issensjaŭ u chinsu lil cullħadd barra ! U id-dnub katt gieb ħaġ'oħra, jecc mhux biss saħta?......Minn fejn hu gej dan il għacs, li għandna fukna?...... Jistħokkilna dan il għacs? S.A.S.

## Tifsir fuk il Ġubleŭ.

*(Jissocta)*

*Pen.* L'aħħar darba, Sur Patri, jiena għedtlec li għandi nsaksic xi ħaġa fuk il vìsti tal Ġubleŭ. Nitolboc għaldakshecc tieħu ftit tal pacenzja u tgħidli chif għandi nagħmilhom?

*Conf.* Ŭaħda mill'opri stabbiliti mil Papa għar-rebħ tal Ġubleŭ, għedtlec jiena, huma il vìsti tal Cnejjes. Daŭna il vìsti ma hemmx stabbilit chif għandec tagħmilhom, tista tagħmilhom chif trid, jeŭ ŭaħdec inchella mal oħrajn, jeŭ bil kegħda inchella għarcopptejc, jeŭ tmur il Cnisja bil mixi jeŭ birrchib, jeŭ għad-devozzjoni jeŭ għal xi obbligu ieħor; anche jecc jinzerta li tcun fil Cnisja stess, u dac il ħin jigic il ħsieb li tagħmel il vìsta tal Ġubleŭ, tgħoddloc xorta ŭaħda jecc tagħmilha. Għaliex għandna nokogħdu esattament għall cliem tal Papa li ordna il Ġubleŭ. Il Papa, mita ordna il Ġubleŭ, ma ordnax il processjoni, iżda ordna biss il vìsti tal Cnejjes. Osserva ucoll illi il Papa ma ordnax il vìsti tal artali, jeŭ tal qŭadri, jeŭ ta li statŭi, l'ankas ma ordna il vìsti lill Gesù Sagramentat; għalhecc għal daŭna il vìsti tista tmur fi qŭalunque Cnisja, allavolja ma tcunx sagramentali, basta ma tcunx ipprofonata, u basta li tcun ŭaħda minn daŭc il Cnejjes magħżulha mill'Iskof li fiha jista' isir is-sacrificcju tal kuddiesa.

*Pen.* Inti għedtli, Sur Patri, illi irridu nagħmlu il vìsti tal cnejjes għar-rebħ tal Ġubleŭ; nitolboc tgħidli li ema Cnejjes għandna ninvistaŭ? U chemm il vìsta għandna nagħmlu?

*Conf.* Anche haŭnhecc għandna nokogħdu esattament fuk il cliem tal Papa. Il Papa kalilna illi għar-rebħ tal Ġubleŭ għandna nagħmlu il vìsti jeŭ fil Cnisja tal Parroċċa fejn ŭieħed jokgħod, jeŭ fil Cnejjes l'oħra stabbiliti mill'Iskof. Il Cnejjes geŭ stabbiliti mill'Iskof għall cull belt u għal cull raħal, barra mil Cnisja tat-titular, imma geŭ stabbiliti Cnejjes oħra ucoll li ħalla f'idejn il Cappillani u l'Arcipripeti biex jagħżlu huma. Għalhecc f'cull belt u f'cull raħal għandec issib żeŭġ Cnejjes stabbiliti għall vìsti tal Ġubleŭ, barra mil Cnisja tal parroċċa. B'collox daŭna il vìsti għandhom icunu sitta. Minn dan naraŭ illi biex jintrebaħ il Ġubleŭ, jista' ŭieħed jagħmel sitt vìsti fil Cnisja titulari tiegħu, jeŭ ikassamhom fil Cnejjes l'oħra stabbiliti b'mod tali, illi f'cull Cnisja stabbilita ma jagħmelx inkas minn tnejn, biex hecc b'di'l maniera fi tliet Cnejjes magħżula icun għamel is-sitt vìsti li ordna il Papa. Jecc fil cas daŭn il Cnejjes magħżula icunu magħluka, jeŭ ma tistax titħol fihom imħabba fil folla, tista tinvistahom minn barra u'l vìsta tgħoddloc xorta ŭaħda.

*Pen.* Alla iħallsec Sur Patri, tal pacenzja li k'ed tieħu bija. Bakgħali ngħidlec xi ħaġa oħra fuk il vìsti tal Ġubleŭ. Għidli, Sur Patri, x'talb għandi ngħid fil vìsti?

*Conf.* Qŭalunque talb hua biż-żejjed biex tagħmel il vìsti tal Ġubleŭ. Jista icun talb magħmul bil lsien li nsejħulu *vocali*, jista' icun talb magħmul bil menti li nsejħulu *mentali* jeŭ *meditazzjoni*, mingħajr ma inħarrcu ilsiena; għaliex l'ebda talba ma hemm stabbilita mil Papa għal daŭn il vìsti, għalhecc nistgħu nitolbu dac li 'rridu. Ma hemmx bżonn illi it-talba tal vìsti tcun tŭila ħafna, l'ankas ma trid tcun kasira iż-żejjed. Hija ħaġa sgura illi dic it-talba li sôltu ngħidu fil vìsti ta *5 Pater, 5 Ave* u *5 Glorja Patri*, jeŭ talba oħra daksha, hija biż-żejjed għar-rebħ tal Ġubleŭ mkaddes. Hija ħaġa ucoll impurtanti, meħtieġa għar-rebħ tal Ġubleŭ, illi f'daŭn il vìsti icolloc l'intenzjoni li titlob ll'Alla għall fehma tal Papa, għaliex il Papa b'di'l condizzjoni jati l'indulgenza, li titlob scond il fehma tiegħu: għalhecc fl'opri li fihom l'indulgenzi, il Papa jordna li nitolbu għall fehma tiegħu. Il fehma tal Papa hi l'esaltazzjoni tal Cnisja mkaddsa, il kerda tal eresija, il paci bejn il prinċpijet insara, il conversjoni tal midinbin u 'l perseveranza tal erŭieħ it-tajba. Ma hemmx bżonn illi tgħid bi lsienec li k'ed titlob għall fehma tal Papa, ankas ma hemm bżonn illi espressament taħseb f'din il fehma, basta li ma tiscludihiex fit-talb tal vìsta tiegħec, għaliex mita tagħmel il vìsti bil fehma li taccqŭista il Ġubleŭ icolloc il fehma li tagħmel dac li hu meħtieġ għar-rebħ tal Ġubleŭ, għalhecc icolloc f'li stess ħin l'intenzjoni li titlob għall fehma tal Papa. Il bkija, jecc trid tcun sgur minn dina il fehma, ŭara il 5 Pater, 5 Ave u 5 Glorja, żid Pater, Ave u Glorja għall fehma tal Papa, bħal ma soltu nagħmlu fil vìsti ta Gesù Sagramentat. Irridec ucoll tokgħod attent illi iddûm chemm iddûm il Cnisja titlob, anche biex ngħid hecc il ġurnata collha, inti tcun għamilt vìsta ŭaħda, il għaliex il vìsta ticconsisti filli tidħol il Cnisja u titlob; għalhecc, jecc inti trid tagħmel ictar min vìsta ŭaħda f'li stess Cnisja, trid bil fors li inti toħroġ u targa tidħol; bħalma nagħmlu mita incunu irridu nirbħu l'indulgenzi li insejħulhom *toties quoties*.

Dun Anton Vella d.d.

(*Jissocta*) *Cappillan ta ħal Luka.*

# Tŭissijet fuk is-saħħa.

Jena fil *Habib* tas-sena li għaddiet, cont ctibt ftit articuli, li ngħoġbu ħafna, fuk it-trabi, fuk it-tfal u fuk il ġuvintur u ix-xebbiet u imbagħd ktajt għal collox għax chelli xogħol ieħor f'idejja li ma stajtx inħallih (ix-xogħol tal Cungress, il ctieb fuk l'Emigrazjoni għall Canada, l'America u l' Aŭstralja u ħŭejjeġ oħra ucoll). Issa jidhirli li għandi incompli chelmti u nitchellem fuk iż-żŭieġ, fuk is-saħħa tan-nies magħmula u flaħħar-nett fuk ix-xjuħ.

L'aħħar articlu ta Settembru 1912 cont spiċċajtu hecc:— « Xi ngħid, imbagħd, fuk
«iż-żŭieġ? L'eŭŭel nett, il missier, u actar
«minnu l'omm, għandhom jokogħdu għaj-
«nejhom miftuħa u jitchixxfu tajjeb illi il
«passjoni tal imħabba ma tibdiex f'ulied-
«hom kabel ma għandhom iż-żmien u il
«ħila biex jeħdu li stat taħhom u jistgħu
«iżommu darhom. Ma għandhomx jirħulhom
«jitajjru għal dic jeŭ għal dac, chif gieb u
«laħak, għaliex l'ulied, f'dan iż-żmien, bħala
«żgħażaħ, icunu bla għakal u mogħmijin
«mill'imħabba, ma jistgħux jagħarfu seŭŭa
«dac li hu aħjar għalihom. Hu dmir tal ge-
«nituri illi jiddiriġuhom f'din il ħaġa tant
«tal ħtieġa, illi minnha tiddependi il cun-
«tentizza jeŭ il hemm għal għomorhom
«collu. F' din il qŭjstioni taż-żŭieġ ma
«għandu katt jidħol l'interess; il flus biss
«ma igibux il hena. Mita jasal il ŭakt u
«mita icun xierak, il genituri għandhom jic-
«cuntentaŭ u igħidu *iva*, basta is-sieħeb jeŭ
«is-sieħba ta uliedhom huma b' saħħithom,
«bil għakal, bil ħila li jakilgħu x'jieclu u
«mrobbija fil biża t' Alla. Iż-żŭiegijet ta
«malajr-malajr u għall' interess huma id-
«d'sgrazzja ta bosta nies, illi jidħlu fl'infern
«ta din id-dinja u tad-dinja l' oħra ucoll.
«Mita iż-żŭieġ isir bir-rekka u bil għakal,
«allura il barca tal genituri u tal cappillan
«li iżeŭŭiġhom, igibu il barca t' Alla, li
«tcompli tgħin il mara u ir ragel illi jin-
«trabtu flimchien biex irabbu fil paci u il
«cuntentizza il familja li icollhom u igħixu
«fil hena f'din id-dinja u fl'oħra.»

Infissru cull ŭaħda minn daŭn, għax huma ta rekka cbira ŭaħda iżjed mill'oħra.

L'eŭŭel fuk is-SAHHA. Ix-xebba jeŭ il ġuvni li titfgħu għajnejcom fukhom għandhom icunu f'saħħithom: tfittxux il ġmiel, imma fittxu actar jecc hemmx il mard. Il ħajja tal miż żeŭŭeġ u it-taħbit tal ŭlied, jitolbu li tcunu b'saħħitcom—u jinħtieġ li ma tcunux imradtu f'għomorcom b'xi marda li tħalli urajjha xi fdal f'xi parti tal gisem, għax għandcom taŭ li hemm xi mard illi urajh iħalli conseġŭenzi li għall għajn ma jidhrux, imbagħad jiffaċċaŭ ŭara żmien.— Istasku u itchixxfu tajjeb, minn min jaf il familja li maħħa sejrin titħalltu, b'liema mard sofreŭ, għax hemm bosta mard li jimxi fir-razza. Għaldakshecc mux biss jinħtieġ li taraŭ hix jeŭ hux bla mard ix-xebba jeŭ il ġuvni li sejrin tieħdu, imma ucoll daŭc li jiġu minnhom.

Fost dan il mard li actarx jimxi fil familji, insemmi: il genn, l'etticija, il cancru, is-sifilide, il mard tal kalb. Daŭn il mardiet jimxu min-nanniet għall missierijet u l'ommijet u minn daŭn għall ŭliedhom bniet u subien: jecc tiżżeŭŭġu lil xi ħadd illi fil familja chellu minn da'l mard, actarx ŭara iż-żŭieġ jinchixef fih dac li icun moħbi, u mbagħd jista' jitnissel minn ġdid f'uliedcom. Agħmlu chemm tistgħu biex titchixxfu dan collu, u jecc ma jirnexxilcomx kabbdu il genituri tagħcom, jeŭ istaksu il xi tabib.

(*Jissocta*) L. Manchè.

# AKRAŬ

Bosta mis-Socj tal Unjoni Cattolica «San Ġusepp» chemm il darba għergru li ma icunux jafu x's'er isir fil Palazz Caraffa u li għalchemm icunu xtieku jiġu, mħabba fli ma icunux semgħu, ma jiġux. Dan ġagħalna illum ngibu il Programm għal bkija tax-xahar li aħna fih u għalli dieħel. Programm mżeŭŭak chemm jista icun; divertimenti, tagħlim, ħŭejjeġ li imissu il gisem u'r-ruħ tas-socji, collox fih. Sŭielna ħafna xogħol; mux biex ctibnieh, imma biex tlabna l'aħjar nies, seŭŭa kassisin u seŭŭa seculari, u ħajjarnihom jaccettaŭ jagħmlu il *Letturi*, il *Conferenzi* u 'l *Lezzjonijet* li hemm fih. Issa li għamilna dmirna u tħabatna mux ftit, barra mil ispejjes li il Programm sejjer jisŭa lil Caxxa tal Unjoni, nittamaŭ li is-Socji u'n-nies li iħobbu ix-Xirca tagħna ma jonksux li jiġu, ħalli juru li it-tghemghim tagħhom chien tasseŭ gej mix-xeŭka li chellhom li isibu ruħhom il Palazz Caraffa meta saret xi ħaġa hemm. U mux biss għalhecc, imma ucoll ħalli jaraŭ b' għajnejhom u imissu b'idejjhom li ma chellhomx ragjun igħajjruna fuk xi ġurnal, u flaħħarnett juru, chif imisshom, li iħobbu ix-Xirca li huma mictubin fiha. Narġgħu ntennu li daŭc li tlabna huma mil akŭa u mil aħjar nies u collha ħrara biex jagħmlu il gid. Is-sold li tonfku ma tcunux ħlejtuh, imma nfaktuh seŭŭa biex għaddejtu siegħa żmien għal mistrieħ li jinħtieġ ucoll, u biex tgħallimtu ħafna ħŭejjeġ sbieħ u ta fejda għar-ruħ u għal ħajja tal gisem. Ejjeŭ u taraŭ jecc għidnilcomx is-seŭŭa.

PROGRAMM

| | |
|---|---|
| Nov. 23<br>Il Ħadd | Filgħodu: Conferenza Religjusa<br>Filgħaxija: Tiatrin |
| Nov. 27 | Il Ħamis—Cinematografu |
| „ 29 | Is-Sibt—Lettura bit-Taljan bil Lanterna Magica |
| „ 30<br>Il Ħadd | Filgħodu: Seduta Generala tas-Socji<br>Filgħaxija: Tiatrin |
| Dic. 2 | It-Tlieta — Lettura bil Malti bil Lanterna Magica |
| „ 4 | Il Ħamis—Cinematografu |
| „ 6 | Il Gimgħa—Lezzjoni scientifica popolari għat-tfal tal iscola u l'imsieħbin |
| „ 7<br>Il Ħadd | Filgħodu: Conferenza Socjali<br>Filgħaxija: Tiatrin |
| Dic. 11 | Il Ħamis—Cinematografu |
| „ 14 | Il Ħadd—Tiatrin |
| „ 16 | It-Tlieta—Lettura bil Malti bil Lanterna Magica |
| „ 18 | Il Ħamis—Cinematografu |
| „ 19 | Il Gimgħa—Lezzjoni xientifica popolari għat-tfal tal iscola u l'imsieħbin |
| „ 21<br>Il Ħadd | Filgħodu: Conferenza Religjusa<br>Filgħaxija: Tiatrin |
| Dic. 25 | Il Ħamis—Tiatrin |
| „ 27 | Is-Sibt—Lettura bit-Taljan bil Lanterna Magica |
| „ 28<br>Il Ħadd | Filgħodu: Seduta Generali tas-Socji<br>Filgħaxija—Tiatrin |

N.B. Il ħin għal Conferenzi u's-Seduti Generali: 11 a.m.
Il ħin għac Cinematografu u'l Letturi: 5 p.m.
„ „ għal Lezzjoni xientifica: 6.30.p.m.
„ „ għat-Teatrin icun avsat coll darba

IL CUMITAT.

## L'GĦAJNUNIET

Fil ħdax ta dan għalku sitt xhur mindu bdeŭ is-sussidji jeŭ għajnuniet lis-socji morda jeŭ kegħdin. Biex naktgħu ix-xeŭka ta ħafna mis-socji u min-nies li jistaksuna chemm sussidji ta s'issa il Cumitat, ngibu illum il lista tas-socji li f'daŭn is-sitt xhur talbuh l'għajnuniet u bagħthomlhom. Għad li ngħidu mnejn huma imma isimhom ma nistgħux nsemmuh. Nixtieku imma illi huma jatuna xi xhieda, bli igibu fuk il *Habib* jeŭ ġurnal ieħor dakxejn ta *dichjarazzjoni*.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | N.N. minn Bormla | £ 1. 0. 0 * |
| 2 | N.N. mil Ħamrun (barra mit-tabib u l medicini) | „ 1. 2. 6 |
| 3 | N.N. mil Belt (barra mit-tabib u'l medicini) | „ – 7. 6 |
| 4 | N.N. mil Isla (barra mil medicini) | „ – 9. 0 |
| 5 | N.N. minn Bormla | „ 9. 0. 0 |
| 6 | N.N. minn Birchircara | „ 2. 0. 0 |
| 7 | N.N. mil Belt | „ 9. 0. 0 |
| 8 | N.N. minn Bormla (barra mil medicini) | „ 8. 9. 6 † |
| 9 | N.N. mil Belt (barra mil medicini) | „ 4. 11. 6 * |
| 10 | N.N. minn tas-Sliema (barra mit-tabib u'l medicini) | „ – 15. 0 † |
| 11 | N.N. mil Belt (barra mit-tabib u'l medicini) | – – – ‡ |
| | | £ 36. 15. 0 |

* Sarulu ucoll sitt kuddisiet għal ruħu
† Għadu jieħu is-sussidju
‡ Il Cumitat kiegħed jistenna it-tabib tax-Xirca igħidlu chemm dam marid ma jistgħax jaħdem biex jibagħtlu is-sussidju.

Mons. P. Galea
għat-Tesorier.

## Tûissija.

Fil ħarġa 88, fejn tchellimna mil processjonijet, morna nakra u xejn żmerċ. Anzi ngħid is-seŭŭa kbadna granċ għal darbtejn, il ŭieħed għax f'loc *jissocta*, għidna *għeluk* l'articlu: l'ieħor għax għidna: «l'aħħar darba tchellimna mil processionijet l'isiru f'Lourdes bis-S.S. Sagrament;» u conna għadna ma għedna xejn fuk hecc Imma x'hemm fid-dinja li ma jisseŭŭiex? Dac li ma gibriex kabel ingibuh illum.

### Il Processjonijet
( *Għeluk l'articlu* ).

L'aħħar darba, mela, tchellimna mil Processjonijet li isiru f'Lourdes bit-torci (*Procession aux flambeaux),* illum nitchellmu mil processjonijet li isiru f'li stess Lourdes bis-S.S. Sagrament.

Il Processjoni bis-S.S. Sagrament toħroġ mil Basilica fost cotra ta nies li ma bħalha, u tinżel għall grotta. Hemm tintgħata il barca, u il processjoni tarġa tibda miexja, biex tidħol fil Basilica minn fejn ħarget: hi u għaddejja mil misraħ li hemm kuddiem it-tliet Cnejjes, tilmaħ min-naħa il ŭaħda u in-naħa l'oħra ringhieli l'iżjed tŭal ta nies morda b'cull xorta ta mard, li igibulec ħniena, jisiltulec kalbec. Nisa, rgiel, xebbiet, ġoventur, xjuħ, bniet, subien, fokra, għonja u minn cull ġens. Dac magħtub, dic mifluġa, dac agħma, dic imbiccma, dac b'cancru, dic b'demla, dac immarsuttlat, dic bil ballu ta San Vitu, dac hecc u dic hecc. Min tilmħu f'carozzella, min fuk mitraħ, min fuk bħallichiecu sodda, min fuk speci ta catalett u hecc. Xħin jilmħu lil Gesù Sagramentat għaddej minn nofshom, collha iduru lejħ u b'leħen ŭieħed itennu dac il cliem li chienu igħidulu in-nies ta Gerusalemm, mita chien jifred it-torok ta hemm: «Gesù bin David, icolloc ħniena minn'na! Salvana, ja Gesù, aħna sejjrin u collox nintilfu!» «Muleja, jecc inti trid, tista' tfejjakna» «Muleja, għid chelma ŭaħda u jena nibka' mfejjak.» Mal leħen tal imsejcnā morda isieħbu leħinhom il ktajja ta eluf ta pellegrini, li jarmaŭ igħajtu b'ħilithom collha: «Muleja, aħna nemmnu li jecc inti trid tista' tfejjakna! Gesù fejkilna il morda tagħna!»

Cull tant tisma' ucoll xi għajta ħierġa minn fost il morda li taksamlec kalbec: «Le, Muleja, tfejjakx lili, għax ma ħakknix, imma fejjak l'oħrajn!» «Gesù, Muleja, aħna nemmnu fic, aħna naduraŭc, jesna fic, aħna inħobbuc! Gesù Muleja, inti Cristu l'Iben t'Alla ħaj!»

F'li stess ħin is-Sacerdot jersak ħdejn il morda u ŭieħed ŭara l'ieħor ibeŭŭishom l'ostensorju.

Bosta mil morda għal talb hecc micbus, jakilgħu il grazzja.

Tara ŭisk drabi il mifluġa jitfgħu barra il crozzi, jitilku jiġru bħallichiecu xejn; il għomi jaraŭ, it-torox jisimgħu. Chiecu chelli insemmilcom il morda collha li fieku fil processjonijet tas-S.S. Sagrament, ma cont nispiċċa katt. Halli ngħidilcom xi żeŭġ grazzi biss, u biż-żejjed.

Fil 5 ta Settembru tas-sena 1891, ŭaħda sinjura minn Dijon, li chienet ilha żmien tŭil iccuċċlata, malli għaddiet il processjoni tas-S.S. Sagrament kabżet mil carozzella taħħa tgħajjat u tgħid: «Jena mfejjka, jena mfejjka.» Inħallicom taħsbu il ferħ u il hena taħħa u tan-nies li chienu hemm. Fix-xahar ta Aŭŭisu tas-sena 1892, Rosa Pearson, xebba ta 21 sena, li chienet ilha bir-reŭma sena sħiħa, fil processjoni tas-S S. Sagrament, fieket għal collox.

F'li stess xahar, u ma nafx sgur jecc hux ucoll f'li stess ġurnata, Marija Lŭisa Horeau, tfajla ta 9 snin, għamja għal collox, f'li stess processjoni ħadet id-daŭl. Iżda għal fejn cliem bosta, jecc ġrajja bħal daŭn isiru f'Lourdes cull jum u sicŭit? Ta dan jatucom xiedha il Pellegrinaġġi Americani, Franciżi, Ingliżi, Spanjoli, Taljani u ta cull ġens.

X'jidhrilcom, mela, l'aħŭa, hux minnu li mita il processjonijet isiru seŭŭa, jissaŭŭbu fukna il grazzi t'Alla? Nifthu, mela, għajnejna darba għal dejjem u nibdeŭ, haŭn Malta, nagħmlu il processjonijet bil għakal, u mhux b'ħafna bluhat u ħmerijet, bħalma isiru bosta drabi, l'actar fit-Titulari.

Għandna nif hmuha tajjeb u il processjonijet nagħmluhom b'dic is-sodizza li isiru seŭŭa Gerusalemm, seŭŭa Betlem, seŭŭa Nazaret, seŭŭa Lourdes. Imma għal fejn nitbegħdu? Għandna b'esempju tagħna, b'mera tagħna, il processjonijet ŭisk sbieħ u sŭappi li saru fil Cungress Eŭcaristicu u fil festi sbieħ u sollenni ta Costantinu!(1), processjonijet li issemmeŭ maddinja chif iddur!

Aħ, cunu afu li jecc il processjonijet isiru seŭŭa chif imiss, billi huma għeżież ferm, jakelgħulna minn għand Alla il grazzi li neħtieġu għar-ruħ u għall ġisem. U fuk Malta naraŭ ir-riżk u il barca u *mhux le is-saħta tas-sema.*

DUN XAND.

(1) Chelli il fehma għall'eŭŭel nicteb fukhom ucoll, iżda billi dan għamlu ħadd ieħor kabli ħsibt u rajt li inħallihom fil genb.

D. X.

## DAC HU IS-SUK!
Sunett-Epigramm.

*Lill ħabib tiegħi........*

Il kamħ jinbieħ bil modd, bil felli 'l kara',
il leŭż bil chejla u bit tużżana 'l bajd;
il ħmir bir-râs, tcun trid ragel jeŭ mara;
u bit-turrun għand Żerrec il kubbajt.

Jinbiegħu bil kantar, chif dejjem ġara,
it-tkik, is-smid u il baccaljaŭ għas-sajd;
bil katta 'l basal u bil ħmiel iż-żara,
bil kasba 'x-xokka, bil merilla 'l ħajt...

Mela, fl'użin, fil chejl, fil kies, fil għadd,
bil ŭiżna, jeŭ bix-xiber, jeŭ bil ŭejba,
collox jinbieħ li ma jitkarrak ħadd!

Hemm ħaġa biss li tista' tmur travers,
għad li tar-rekka daks l'onur ta xbejba:
il gażettier.... jinbieħ bit-tant il vers!

G. MUSCAT-AZZOPARDI.

## Ma dûarna.

—Is-Seminarju ta Għaŭdex, li għandu, bejn *Seminaristi* u *Esterni,* 145 Scular, ŭira ċar, minn chif marru l'eżamijet ta din issena, li hu fil fjur tiegħu. Tista' tgħid, f'cull Classi, miż-żgħar nett sa tat-Teologija, bosta rasseŭ bin-numri li giebu lil daŭc li ħadu il Premji u iċ-Certificati; u din hi l'acbar xhieda tas-sodizza tat-tagħlim u tad-dixxiplina, għax ŭieħed bravu fi Classi jista icun minn kaddisu, bit-talent tiegħu innifsu. Nifirħu lir-Rettur, Monsinjur Canôncu Hili, u lill Professuri u li Magħallmin l'oħra collha: u nifirħulhom bil kalb, għax aħna, li ilna fuk għaxar snin fost l'Eżaminaturi tal Letteratura fis-Seminarju ta Malta, nistgħu nifhmu chemm hu cbir u kalil id-dmir taħħom. Nifirħu ucoll lil daŭc li ħadu il Premji u lil daŭc li ġreŭ maħħom u żammeŭlhom jebes, għax huma jagħmlu onur lil xulxin.—Il festa tat-taksim tal Premji, chif jidher mil *Programm* li ir-Reverendissimu Rettur għoġbu jibgħatilna, chienet ħaġa sabiħa; u chellu tas-seŭ biex jifraħ Monsinjur Camilleri, dac l' Iskof collu għerf, collu deħen, collu kdusija, li Alla l'imbierec għażel b'Anġlu Custodju ta dic il Gżira ixxortjata.

—Bla ma nokogħdu nsemmuhom ŭieħed ŭieħed, għax huma ħafna, nitolbu lil daŭc li ma stajniex ingibu l'articoli taħħom biex jistennieŭ ftit bil pacenzja. Il *Habib* żgħir u aħna ma nagħmlux miracoli.

—Nirriccmandaŭ lil xi uħud mil Chittieba tagħna li ma iżommux fit-tûl iż-żejjed u li jecc jista' icun jagħżlu argumenti ftit actar imħaŭŭrin, mhux dejjem fuk kaddisin u ħŭejjeġ oħra tal Cnisja.

—Niżżu-ħajr lir-Reverendu Cappillan ta ħ'Attard, Dun Pier Battista Agius, mhux biss talli għoġbu jibgħat lill *Habib* côpja tal *Klajja (Pregjudizzi),* li ħareġ fi ctieb żgħir u ħelu ħafna, daŭn il ġranet, imma ŭisk actar talli għoġbu *jiddedica* dac il ctieb lilna. Il Cappillan Agius, li hu Sacerdot għaref, ħaddiem u mimli bil ħrara tal imħabba t'Alla, jista' igħid minnu in-nifsu: *Zelus domus tuæ comedit me,* għax, moħħu fil gid tar-ruħ u għajjur għad-dinjità tal Cleru, jaħrab is-seħta tal partiti, jircheb cull interess tad-dinja u ma jaħdemx ħlief għall glorja t'Alla—veru esempju ta chif għandu icun ir-Ragħaj tajjeb. Fuk il ctieb ma ngħidu xejn, għax diġà faħħarna aħna u faħħar ħadd ieħor dic il ġabra ta articoli sbieħ, mita dehru ŭieħed-ŭieħed fil *Habib.* Fuk dac, imbagħd, li kâl għalina fid-*Dedica*, chelma ŭaħda: tieba tiegħu.

## Minn gimgħa għal oħra.

*10 ta Novembru.* Nhar il gimgħa li għaddiet, ta Xbiex, tellgħu mil baħar il gisem ta ŭieħed mgħarrak. Għarfuh; chien minn ta fuk il *Black Prince* u chellu iċ-ċarġ idur it-turpidinieri. Chellu ħamsa u tletin sena, imma x'chienet il biċċa tiegħu ħadd ma jaf.

*11 ta Novembru.* Magħ din id-disgrazzja, chif actarx jaħsbu li chienet, għal ftit ma żdieditx oħra illum ŭara nofs in-nhar. Strada Rjali carrozzin tal chiri tafa mgħal art tifla ta ħames snin u għadda minn fukha. Chienet xorti cbira li ma katilhiex u ommha u missierha jistgħu bil ħakk collu igħidu li raġġħet tŭieldtilhom mil ġdid.

—Il flotta, li chellha tcun haŭn għal ħmistax ta dan, daħlet da'l għodu. Is-sŭar, il barracca ta isfel u ta fuk u saħansitra il bjut li jatu għal fuk il port il cbir chienu miżgħudin bin-nies, u għad li ix-xemx chienet taħrak nhar ma tkanklitx kabel ma l'aħħar biċċa tafgħet l'ancri. U chien hemm tasseŭ x'tara u biex titgħaxxak; sitta u għoxrin biċċa, barra mil ħdax li tkassmu fil portijet ta tas-Sliema, ta Marsamxett u ta Marsaxlocc Idumu haŭn sa't-tmintax ta dan. In-nies ta fukhom huma magħ dŭar is-sbatax il elf. Fuk il *Collingwood* hemm imbarcat bħala *midshipman* it-tifel tar-Re, ta ŭara il cbir, il Princep Albertu, li giè l'eŭŭel darba Malta.

—Ŭara tliet ijiem li chienet ilha haŭn, il fregata americana *Wyoming* siefret da'l għodu mgħas-sebħ għal Napli. Fregati daksha u tal kaŭŭa tagħha ftit dehru fil port tagħna. Bosta telgħu fukha jaraŭha u bakgħu mistagħgbin bil ġmiel u bil lussu tagħha. Il baħrin, li fosthom hemm xi maltin, chien fihom tasseŭ għaxka u għamlu cummerċ cbir.

*12 ta Novembru.* Haŭn ix-xniegħa li f'April li gej ir-Re u'r-Regina jiġu jagħmlu żjara lil Malta. Merħba bihom.

—Illum sar il ġuri ta daŭc li chienu serku il ħanut tad-deheb ta Strada S. Lucia il belt. Tnejn bagħtuhom il barra, tnejn ŭeħlu ħamsa, tlieta erbgħa u ŭieħed sitt snin prigjunija. Serk gŭapp bħal dan għad-dehbijet, il ħaġar prezzjus u't-*titoli* li nsterku, u għal mod chif sar, ma jiftacrux ieħor. U għid il ħallelin chemm sabu min iserraħhom mil oggetti misrukin, sa min bis-*Sur* kuddiem ismu. Tasseŭ li l'*onestà* haŭn nieżla dejjem actar l'isfel u baxx!

*13 ta Novembru.* Il Princep Albertu chien mistieden illum għand il Gvernatur u's-Sinjura tiegħu. Ūara, bl'Ajjutant tal Gvernatur miegħu, mar daūra sa'l Buschett, fejn ħaūūel b'tifchira tal migja tiegħu f'Malta sigra, u mbagħad Sant'Anton. Raġa l'ura il belt, u ūara li ħa it-tè mgħal Gvernatur dar il Palazz.

*14 ta Novembru.* Ilbieraħtlura il Pulizija arrestat ūieħed Francis maħrub, u illum tellgħuh kuddiem il Magristrat, għax il Gvern Francis talab li jarġa jieħdu lejn Franza biex jagħmel ħakk minnu tal kerk (*frodi*) li għamel f'Banca Francisa.Dabbrilha mgħat-tliet miljuni franchi, li igibu mija u għoxrin elf lira sterlina. Xi stoncu!

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Ir-Re stieden 500 ħaddiem, li chienu ħadmu fit-tisūija tal Palazz ta Buckingham, u tahom pranzu fir-restaurant *Holborn*. Fil ūakt tal pranzu ia-Re bagħat messaġġ li biħ ferħilhom għax-xogħol tajjeb u fîs li chienu għamlu, u lil cull ħaddiem giè mkassam rigal ta pacc tabacc u pipa tal gibs.

—Is-suffragisti dejjem li stess: fil ūakt li il ministru Asquith chien ma bintu sej jer f'aūtomobbli Stirling sabiex jicxef l'istatūa ta Sir H. Campbell-Bannerman, is-suffragisti ħarġu mgħakkdin mir-raħal, xeħtu il bżar f'għajnejn cull min chien f'aūtomobbli u saūūtu bla ħniena bi frosta tal clieb il Mr. Asquith, li ma ġralu xejn, iżda bintu Violetta bakgħet imbiccma. Mr. Asquit compla it-triek, u mita l'istatūa inchixfet, il poplu għamillu dimostrazjoni bil kalb.

Is-suffragisti xeħtu bombi f'Cactus House f'Manchester u ħarku dar ħdejn Bristol.

Fit-13 tax-xahar fi Glasgou, Lady Churchill varat is-Super Dreadnought "Benbow", li hi ta 25,000 tonnellata u timxi 21 mil fis-siegħa.

*Irlanda*— Il biża ta xeūūiexa cbira b'tixrid ta demm kiegħed jicber dejjem iżjed. In-nies tal belt ta Ulster, billi actarx collha protestanti, ma iridux il *Home Rule*, u iridu icunu iggvernati direttament mil Parlament tal Inghilterra—u l'Irlandisi fil *Home Rule* iridu mdaħħla l'Ulster, għaliex inclelè ma jaccettaūx. Il Ministru fi ħsiebu iżomm iebes u idaħħal l'Ulster fil *Home Rule*.

*Disgrazzi*— It-tren direttt minn Marsilja għall Parigi li chien jagħmel mas-60 mil fis-siegħa, ħdejn Melun intaka u ħabat ma tren tal Valiġġja li minn Marsilja chien sejjer Parigi, u dan chien miexi b'ħeffa ta 55 mil fis-siegħa. Il ħabta instemgħet minn mil bogħod. Iż-żeūġ treni triccbu fuk xulxin: il mâgni tfarrcu u ħecc ucoll tnax il vagun. Sa issa insabu 39 cadavru, u il maggjur part taħħom maħrukin b'mod li ma jistgħux jintgħarfu— in-numru mbagħad tal feruti hu bil bosta cbir. Ūieħed mil machinisti li salva għaliex kabeż mal ħabta giè arrestat għaliex chiser ir-regolament, li igagħlu iūakkaf mil kabel l'istazzjon. Sarulhom funerali cbar.

—Tfajla ta erba' snin fil ūakt li chienet tiġri sabiex tiscansa, ūakgħet taħt motorcar li chien fiħ il Princep Federicu Leopuldu ta Prussja. Dan bilġri ordna li ittfajla tinbgħat l'isptar, fejn hu stess ūara mar sabiex iżurha—iżda hi ūara ftit mietet.

*Terremoti*—Fil Provincja ta Hymaraes (Perù) inħass terremot kaūūi; mietu ma tliet mija, u għaxar bliet żagħar geū distrutti.

*Ruma*—Il Papa, li compla tajjeb f'saħħtu, cull jum jilka' il pellegrinaġġi. Il gimgħa li ħarġet laka' il pellegrinaġġi ta Valle ta Pompej, ta Montecassino, ta Alba, ta Ruvenna, ta Acquapendente, ta Reggio Calabria, u tal Boemia. Dan l'aħħar gūidat mil Cardinal Francesco Bauer, Arciskof ta Olmutz.

—Ma ilux, ħallelin, li ma nkabdux, serku mil Cnisja ta Santa Marija tal Anġli id-deheb mil qūadru tal Madonna tal Misericordia: chien sar tridu ta riparazjoni u xi divoti chienu taū rigali prezzjusi lill'istess Madonna. Il Cappillan Monsinjur Giovannelli chien tħabat mal Gvern sabiex jitkegħdu būieb ġodda u tas-saħħa; imma ma giex mismuħ; biss tkiegħdet għassa specjali ma tul il lejl. Il gimgħa li għaddiet il għassa ma tkiegħdetx u mal eūūel lejl daħlu mil ġdid il ħallelin, serku id-deheb tal Madonna, scassaū il caxex tal flus, serku collox u ħarbu. Sejrin isiru funzjonijet ta riparazioni.

*Russja*—F' Kieff, ilu gimgħat sħaħ isir giurì contra certu Beiliss, accużat li katel tifel sabiex demmu iservi għall lhud.

Il giurì illibira Beiliss għax ma sabux ħati: iżda iddichjara li id-delitt sar fil loc fejn kiegħed jaħdem; jigifieri li il ktil sar minn lhud: daūn ipprotestaū ruħhom u il Gvern, billi baża minn xi rvell jeū vendetti, kiegħed suldati cosacchi igħassu il qūartieri tal lhud.

L.M.C.G.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

### Papà Falòt.

Billi dan id-Dramm ta Aūtur Franciż u migjub bil Malti ūisk tajjeb mis-Sur A. Lanfranco, hu sabiħ fermu fiħ tagħlim għoli fuk dac li tati id-dinja fil ħażen taħħa u dac illi il Providenza tas-sema tmexxi għattrionfi tal giustizja; raġa sar darba oħra fli msemmi Teatrin nhar il Ħadd, 9 ta Novembru, mil magħrufa cumpanija «La Concordia,» illi ħadmet dan id-Dramm cbir, li fiħ prologu u ħames atti, tasseū tajjeb u b'sengħa cbira.

Infaħħru l'Atturi collha imma l'iżjed lil *Papà Falòt*, is-Sur A. Argento, lil *Achille Nerval*, is-Sur Cassar, lil *Camourdas*, is-Sur L. Scicluna, lil *Angela Nerval*, is-Sur O. Cumbo, il *Conti Nointel*, is-Sur S. Cassar, lil *Max*, is-Sur E. Camilleri u *Cummissarju tal Polizija*, is-Sur S. Cachia. Infaħħruhom bil kalb tasseū għaliex taū gost lil cullħadd; iżda irridu natu tifħira particulari dina iddarba lis-Sur A. Borg li għamel il parti ta *Colomba* chemm jista' icun tajjeb u kalaħħa ħafna.

Atturi bħal daūn imissu icollhom iżjed incoraggiment mil publicu u maħħom il Cumitat tal *Unjoni Cattolica* li jagħmel cull sacrificcju biex is-soci u sħabhom igħaddu siegħa żmien għall gid.

VERAX.

## CHIENET TISTHOKKLU.

Ūieħed smarġass minn daūc li taparsi ma jemmnu b'xejn għax imdaūūlin actar minn'na, resak fuk ħabib tiegħu li ma jistħix jisma il kuddies cull jum; u, biex jidħac, kallu:

—Smajt x'ġara?....
—X'ġara?
—Miet ix-Xitan!
—Tas-seū?....
—Naħliflec........
—Ja ħasra... allura ħa: (u taħ sold f'idu): bħala nisrani tajjeb, obbligat nagħmel il carità ma min hu iltim minn missieru........

## L'AĦJAR PARIR.

Il mara. «Carlu, it-Tabib tagħna, kalli li jena marida tas-seū, u li biex infiek chelli bżonn nagħmel vjaġġ. Xi tgħid inti?»

Ir-ragel. «Ibdel it-Tabib!»

## Aħbar.

It-Tiatrin tal *Unjoni Cattolica*, nhar il ħadd li gej, jibda fl'4 u nofs seūūa.

†

Fil ħdax ta dan ix-xahar, fl'4 ta fuk nofs in-nhar, miet iż-Żurriek, pajjiżu, fejn chien mar biex ibiddel l'arja,

MONSINJUR DUN FRANGISC VELLA,
Canôncu tal Catidral,

li chellu 82 sena u tlietin minnhom għamilhom Cappillan ta li Mkabba. Chien ilu Canôncu tal Catidral 22 sena. Giè midfun il Catidral, fil kabar li hejja f'ħajjtu għaliħ.

Chien ragel iħobb is-satra u għâx dejjem imbiegħed mid-dinja u mil frugħat taħħa. Darba, ūara li chien ilu ħafna Cappillan, chien fettillu isir Patri ta San Frangisc u diġà chien bida in-Novizzjat: imm'Alla chien kiegħed isejjaħlu band'oħra. Chien ta scruplu cbir fil Kuddiesa u f'ħajjtu ma għamilx ħlief gid. Ma chienx xmara tal għerf, imma chien għajn tat-tieba u mera tal kdusija.

Alla juriħ id-daūl tal Genna. G.

Għeluk it-tmien tijem tal Għid ta li Mūiet, f'li Sptar ta Saūra, ħalla dan il ūied taddmugħ

DUN GŪANN CALLUS,

imfarraġ bil għodda t'Alla u mdaūūar bis-Sorijet tal Carità, ūara marda kalila li hu ġarrab bl'għola sabar.

Sbieħ l'għada, ħaduħ il Cnisja tal Krendi, pajjiżu, fejn saritlu Kuddiesa tal Mejjtin bil cbir.

Chellu 73 sena; u dejjem ħenn għal għajru iżjed milli sata' u felaħ; hecc-illi fl'aħħar ta xjuħitu ħtieġlu jara b'għajnejħ u imiss b'idejħ chemm hu minnu il kaūl malti li igħidlec: «Min jati ħūejjġu f'ħajjtu jatuħ bil mazza.»

D. G. F.

Itolbu għall mistrieħ tar-ruħ għażiża

TAS-SINJURA ELENA GERMANI,

li mietet, haūn il belt, nhar il ħamis li għadda, ta 87 sena.

Chienet omm il-dejjem mibchi Vergilju Germani, ħabib li il forma tiegħu kiegħda titchisser, u ħafna ulied oħra, ilcoll mill'iżjed rispettabli. Chienet mara kaddisa u ta educazzjoni li issaħħrec għaliha. Chienet id-*Decana* tal *Onorati*.

Alla jati il Genna lilha u is-sabar lil nies-ha collha.

ID-DIREZZJONI.

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—82. Mhux bla hemm min jinfired mil Papa, imma b'castig ta cburitu li jitfgħalu il Cbir Alla.

## FRAC TAD-DEHEB.

Agħamilha ta min hu aħjar minnec u ħallas għaliħ; il ħażin atiħ biċċa minn dejlec u itilku.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### XARADA.

Għal issa, *l'euuel* int u *it-tieni* jena: imm'għad incunu *collox* int u jena.

GINU.

L'aħħar XARADA chienet:

*Te-u-mi—Teumi.*

Giebuha: mil Belt, ir-Reverendu Patri Duminc Gasparino, M.C., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri C. Grixti u P. P. Grixti—minn tas-Sliema, is-Sinjurina Elena Mizzi—u mil Ħamrun G.A.B.